# V.DA KONFRATERNITÀ

## TAL-B.V.M TAL-KARMELU

**A.D. 1801**



9 ta' Mejju 2014

Ħuti Fratelli,

Nhar **l-Erbgħa, 4 ta' Ġunju**, niċċelebraw **l-Aħħar Erbgħa tal-Madonna tal-Karmnu**. Importanti li tkunu l-Knisja fis-6.00 p.m. ħalli lebsin il-kunfratija u l-muzzetta nassistu għall-quddiesa, li toħroġ fis-6.30 p.m., lebsin ta' fratelli. Wara l-quddiesa nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni Marjana li ssir fuq l-artal tal-Madonna tal-Karmnu u nimxu lejn l-artal maġġur fejn jitkanta 'Te Deum' ta' ringrazzjament lil Alla u wara tingħata l-Barka Sagramentali. Il-funzjoni tintemm bil-bews tar-Relikwa.

Infakkarkom li min hu interessat li jerfa' fil-vara tal-Madonna tal-Karmnu waqt il-purċissjoni ta' nhar il-festa, li din is-sena se taħbat il-Ħadd, 27 ta' Lulju, importanti li jingħaqad fi grupp ta' 4 fratelli li jkunu jissodisfaw waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

a) Servizz FESTA 2013 u servizz ieħor matul is-sena.

jew

b) ĦAMES SERVIZZI matul is-sena.

Importanti li timlew il-formola, li qed nibagħtulkom ma' din iċ-ċirkulari, bl-ismijiet ta' dawk interessati u titfgħuha f'kaxxa apposta li se jkun hemm għand l-Arċipriet jew tgħadduha lil xi ħadd mill-Kumitat tal-Fratellanza, **sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħadd, 1 ta' Ġunju.**

Wara li jiġu ċċekkjati l-formoli mitfugħa**, il-polza tar-reffiegħa tittella' hekk kif tintemm il-funzjoni tal-Aħħar Erbgħa, nhar l-4 ta' Ġunju. Importanti li għat-tlugħ tal-polza jkun hemm, għallinqas, membru minn kull grupp preżenti.**

Nhar **il-Ħadd, 22 ta' Ġunju** niċċelebraw is-**solennità ta' Corpus Christi**. Fis-6.00 p.m. tibda l-quddiesa kantata u wara l-fratelli jakkumpanjaw fil-purċissjoni bis-Sagrament.

**Joseph Buhagiar**
**Segretarju**

FRATELLANZA TAL-B.V.M. TAL-KARMELU IMWAQQFA FL-1801 - PARROĊĊA ŻURRIEQ

RETTUR - FRANCIS FARRUGIA TEL : 21641358 • MOB : 79479119

SEGRETARJU - JOSEPH BUHAGIAR TEL : 21647403 • MOB : 99488262